

# Filippo Venuti – l-Artist li pinġa l-kwadru ta' Sant'Anna

**Ix-xogħol tiegħu fuq il-kwadru**

Fil-Knisja l-qadima ta' Sant'Anna kienu saru bosta opri. Fosthom insibu l-kwadru ta' Sant'Anna li kien fuq l-artal maġġur ta' din il-Knisja.(1) Fi żmien il-festa, l-altar maġġur fejn kien hemm it-titular, kien ikun imżejjen b'sitt figuri ta' l-appostli u erba' buzzetti tal-granutell. L-artal maġġur kien ikun imżejjen kif inhu xieraq fil-festa tal-qaddisa. Proprju s-sena l-oħra, bejn is-17 ta' Jannar u s-7 ta' Frar, 1999, kienet ittellgħet wirja fuq Sant' Anna fil-Knisja Parrokkjali li kienet tinkorpora bosta kwadri li kellhom bħala tema lil Sant' Anna. Naturalment, il-kwadru ta' Sant'Anna kien qiegħed ukoll espost għall-pubbliku. Fil-ktieb *Wied il-Għajn,* tal-Kanonku Joe. Abela, insibu li dan il-kwadru hu attribwit lil Filippo Venuti(2), mentri fil-verità, waqt li kienet armata l-wirja, ġie skopert li fin-naħa t'isfel, fir-rokna tal-pittura, hemm isem l-artista – Filippo Venuti. Mela waqt li qabel ma konniex ċerti min pitter dan il-kwadru, issa nafu fiċ-ċert li kien Filippo Venuti, permezz tal-firma tiegħu. Mela l-informazzjoni li ta Fr. Marius Zerafa O.P. li kien irrestawra dan il-kwadru, fi żmien il-Kappillan Dun Charles Abela lil Dun Joe Abela, hi waħda korretta u ta' min wieħed joqgħod fuqha. Madwar il-kwadru, Venuti uża kuluri skuri waqt li għal Sant'Anna u l-Madonna, uża kuluri ċari u fuq wiċċhom esprima dik il-bjuda u s-safa li taqta' mal-kumplament tal-kwadru għax mingħajr ma trid, għajnejk jaqgħu fuq dawn iż-żewġ figuri li jiddominaw f'post ċentrali. L-attenzjoni qegħda kollha tista'



*Sant'Anna u Marija jiddiskutu l-Kotba Mqaddsa. Xogħol ta' Filippo Venuti attiv bejn it-tmiem tas-Seklu XIX u l-bidu tas-Seklu XX. Kwadru titular tal-knisja parrokkjali l-qadima ta' Wied il-Għajn.*

tgħid mixħuta fuq dawn iż-żewġ figuri flimkien mal-buqar tal-fjuri bojod. Fil-kwadru jidher ukoll l-Ispirtu s-Santu li għalkemm qiegħed jaqdi l-funzjoni tiegħu, dik li jgħallem, madanakollu hu mogħti importanza sekondarja f'dan il-kwadru.

**Deskrizzjoni tal-Kwadru**

F'dan il-kwadru, qed naraw lil Sant' Anna tgħallem lill-Madonna filwaqt li fuq ras Sant'Anna qed naraw l-Ispirtu s-Santu (forma ta' ħamiema) li jdawwal il-moħħ għat-tagħlim. Ta' min jinnota li Sant'Anna qegħda bil-qiegħda waqt li l-Madonna qegħda ma' ġenbha b'idejha t-tnejn magħqudin flimkien tgħid it-talb li qed tgħallimha Sant'Anna. Taħt saqajhom, insibu tapit aħmar filwaqt li ftit 'il bogħod, insibu l-fjuri ġo buqar li juri s-safa u parċmina li fuqha Sant'Anna kienet qed tgħallem lill-Madonna. Illum dan il-kwadru qiegħed fis-sagristija prinċipali tal-Knisja Parrokkjali tal-lum.



*L-altar il-maġġur u l-kwadru titulari fil-knisja l-qadima ta' Sant'Anna.*

**Min kien Filippo Venuti?**

Sfortunatament, meta ġejt biex nikteb fuq dan l-artist rigward il-konnessjoni tiegħu ma' Wied il-Għajn, ma tantx stajt insib wisq tagħrif. Però, sibt tagħrif interessanti fuq ix-xogħlijiet li għamel f'postijiet oħra. Filippo Venuti kien pittur Taljan li ġie minn Ruma u għamel xogħol f'Malta għall-aħħar tas-seklu dsatax u l-bidu tas-seklu għoxrin. Nistgħu ngħidu li Venuti bħala artista kellu talent tant li kien imfittex ħafna bħala pittur tal-Knejjes. Però, sfortunatament hu kien jieħu ideat u teknika ta' ħaddieħor u jagħmilhom tiegħu: *'He was an unabashed plagiarist who could nontheless be deceptively pleasant.'*(3) Però, il-pittura reliġjuża tiegħu kienet kollha ħlewwa u l-għan tagħha kienet li toġgħob lill-poplu kif fil-fatt ġara. L-aħjar xogħol li għandu f'Malta jinsab fil-Knisja Parrokkjali ta' l-Imqabba fejn pinġa t-titular u l-lunetti: *'His finest work is probably in the Parish church of Mqabba*

*where he painted the high altar piece of the "Assumption" and decorated the west wall and the pendentives of the dome.'*[4]

**Xogħol tiegħu fl-Imqabba**

Il-festa ta' Santa Marija ta' l-1898, kellha tkun festa grandjuża u speċjali minħabba li kien jaħbat it-tielet ċentinarju mit-twaqqif ta' l-Imqabba bħala Parroċċa[5]. Għaldaqstant kellhom isiru bosta tħejjijiet minn qabel biex jitfakkar dan l-avveniment. Għalhekk insibu li biex il-Knisja tkun mogħnija b'xogħlijiet ta' l-arti, ġie mqabbad il-Professur Filippo Venuti li pinġa l-erba' Evanġelisti fil-lunetti tal-Koppla li tant ingħoġbu għall-idea sabiħa u ġdida tagħhom.[6] Saħansitra nsibu artikli fuq dan l-artist li deħru fil-gazzetti ta' dak iż-żmien. Fil-*'Malta Tagħna'* ta' l-Erbgħa, 13 ta' Mejju, 1896, Paġna 2, xi ħadd li ffirma *Ħisopo,* kiteb fuq Filippo Venuti u faħħar il-kwalitajiet tiegħu. Hawn-hekk, qed inġib silta minn dan l-artiklu miktub bl-ortografija tal-lum: *'Il-bieraħ kelli x-xorti illi mmur l-Imqabba. Dħalt ġewwa l-Knisja u ħadt pjaċir wisq għaliex rajt ħaġa ta' l-għaġeb; rajt dawn l-opri kollha li saru u fost l-oħrajn, is-sbieħ Evanġelisti magħmulin mill-bravu Giòvanni (Filippo) Venuti, pittur mill-aqwa. Huwa ta' min jieħu pjaċir għax qatt ma tixba' tħares lejhom tistħajjil-hom illi qegħdin jitkellmu miegħek.'*[7] Dun Xand Cortis jgħid li: *'Dan iż-żmien din il-Knisja ta' l-Imqabba għaddejja 'l quddiem wisq. Minn sentejn 'l hawn, tpinġiet il-koppla u l-erba' lunetti. Fil-koppla hemm l-Inkurunazzjoni tal-Madonna; fl-erba' lunetti l-Evanġelisti. Dan ix-xogħol ħareġ mill-pinzell tal-pittur Venuti Ruman.'*[8] Fl-1896, Filippo Venuti għamel il-kwadru titulari ta' l-Assunzjoni ta' Marija. Sena wara, Venuti għamel il-pittura tal-koppla. Il-pittura fuq il-bieb maġġur li turi l-Kunċizzjoni hija wkoll xogħol l-istess Venuti.

> **Daz-zmien dil Cnisja tal Imkabba għaddejja il kuddiem uisk. Minn sentejn il haun tpingiet il coppla u l'erba' lunetti. Fil coppla hemm l'incoronażżioni tal Madonna; fl'erba' lunetti l'Evangelisti. Dax-xogħol ħareġ mill pinżel tal pittur Venuti roman.**

*Silta dwar l-Imqabba minn Dun Xand Cortis fil-ktieb 'Santa Maria' (1897).*

Skond informazzjoni verbali mogħtija minn Giulia Ghigo[9], jingħad li l-pittur Filippo Venuti ħadem mingħajr ma tħallas tal-pittura tal-Knisja Parrokkjali ta' l-Imqabba. Fi żmien li kien iwettaq dan ix-xogħol fil-Knisja, hu kien joqgħod fid-dar, Numru 6, Pjazza tal-Knisja, l-Imqabba. Sfortunatament, il-pittura kollha fil-koppla l-qadima tal-Knisja ta' l-Imqabba, nqerdet għal kollox fit-tieni gwerra dinjija: *'Din kienet turi xeni mill-Inkoronazzjoni tal-Madonna fis-sema mit-tliet Persuni tat-Trinità, xogħol il-Professur Filippo Venuti, artist minn Ruma li kien attirat lejn*

*Malta bi prospetti sbieħ ta' xogħol. Mill-pittura ta' l-Evanġelisti tal-lunetti li kienet ukoll xogħol ta' l-istess Venuti, San Luqa biss kien baqa'.'*[10] Biex tibqa' mfakkra l-memorja tiegħu, fl-Imqabba ġiet imsemmija triq għalih.

**Xogħlijiet Oħra fi Knejjes Oħra u Djar Privati**

Għalkemm Filippo Venuti kien meqjus bħala imitatur ta' artisti oħra, madanakollu kien artist kompetenti u ħadem kemm fuq pitturi għall-Knejjes kif ukoll għall-djar privati. Xogħlijiet tiegħu insibuhom fil-Knisja Parrokkjali ta' B'Kara. Skond Alfred Camilleri Cauchi[11], f'Palazzo Parisio li nsibu ġewwa n-Naxxar, hemm pittura li hija xogħol Venuti. Anki l-kavallett ta' Venuti għadu jinsab fl-istess Palazz.

> Il bierah chelli ix-xorti illi uara tant illi krait fil gazzetti nghaddi mill' Imkabba u thalt genua il Cnisia u hat piacir uisk, il ghaliex rait hagia tal ghageb; rait hedauc l' operi colla illi saru, u fost l'ohrain, is-sbieh Evangelisti maghmulin mill bravu Giovanni Venuti pittur mill akua. Hua ta min jehu piacir, il ghaliex kat ma tixba thares leihom u actar ma tokghod tiffissa thares leihom tisthajjilhom illi keghdin jitchelmu mighec.

*Silta mill-artiklu miktub minn Hisopo fil-'Malta Tagħna' ta' l-Erbgħa, 13 ta' Mejju, 1896.*

**Xogħol ieħor f'San Ġiljan**

Ġewwa San Ġiljan, insibu Knisja ddedikata lill-Kunċizzjoni. Hemm-hekk naraw kwadru ta' l-Immakulata Kunċizzjoni li hu attribwit lil Venuti. Dan il-kwadru ġie maħdum biż-żejt fuq it-tila. Hu maħsub li din il-pittura hija imitazzjoni ta' artist ieħor Pietru Pawl Caruana (1794-1852) speċjalment fit-titular tal-Kunċizzjoni fil-Knisja Parrokkjali ta' Bormla li fl-aħħar mill-aħħar, seta' kien fonti ta' ispirazzjoni għal Venuti.[12] Mingħajr ma noqgħod nidħol fid-dettall fid-deskrizzjonijiet fuq dawn iż-żewġ kwadri, wieħed jara assimilazzjoni jew xebh bejn dawn iż-żewġ kwadri.

**Għeluq**

Din is-sena ħassejt li bħala qoxra tal-ktieb, nagħżel dan il-kwadru ta' Sant'Anna, xogħol l-artist Filippo Venuti, l-ewwelnett biex ninkludi affarijiet li għandhom konnessjoni ma' Wied il-Għajn u t-tieni nett biex inqajjem aktar kuxjenza favur opri artistiċi li rridu nibżgħu għalihom u nikkonservaw u fuq kollox nitkellmu fuqhom. Għalkemm kien forsi imitatur u jieħu ideat minn artisti oħra, jibqa' l-fatt li l-kwadru ta' Sant'Anna hu kapulavur tiegħu (anki jekk seta' ħa xi idea jew ispirazzjonijiet minn artisti oħra), għax kien

xorta waħda artist tajjeb li ħalla kwadru imprezzabbli lill-Parroċċa ta' Wied il-Għajn. Hi x'inhi l-opinjoni fuqu, għamel biċċa xogħol imprezzabbli għax ħoloq kwadru titulari li għadu jista' jitgawda sal-lum.

**Referenzi**


1. Kanonku Joe Abela, *Wied il-Għajn*, Multiprint, 1999, P.52.
2. Ibid., P.52.
3. Mario Buhagiar, *The Iconography of the Maltese Islands,* Progress Press, 1987, P.178.
4. Ibid., P.178.
5. Carmen Lia, *Ġrajjiet is-Soċjetà Santa Marija u l-Banda Re Ġorġ V fl-Istorja ta' l-Imqabba*, Printjob, 1997, P.28.
6. Ibid., P.28.
7. *'Malta Tagħna'*, 13/5/1896, Paġna 2.
8. Dun Xand Cortis, *Santa Maria*, 1897, P. 281.
9. Carmen Lia, *L-Imqabba – Il-Knisja Parrokkjali u l-Festa ta' Santa Marija Mitt Sena Ilu*, Programm Festa Santa Marija, 1996, P.105-111.
10. Carmen Lia, op. cit., P.134.
11. Carmen Lia, op. cit., P. 105-111.
12. Stanley Fiorini (ed.), *San Ġiljan Mitt Sena Parroċċa 1891-1991*, Printjob, 1992. Ara l-artiklu ta' Mario Buhagiar, *Kwadri tal-Pittura fil-Knejjes,* P.184.


**Biblijografija**


Abela, Joe, *Wied il-Għajn*, Multiprint, 1999.
Buhagiar, Mario, *The Iconography of the Maltese Islands,* Progress Press, 1987.
Cortis, Xand, *Santa Maria*, 1897.
Fiorini, Stanley (ed.), *San Ġiljan Mitt Sena Parroċċa 1891-1991*, Printjob, 1992.
Lia, Carmen, *Ġrajjiet is-Soċjetà Santa Marija u l-Banda Re Ġorġ V fl-Istorja ta' l-Imqabba*, Printjob, 1997.
*'Malta Tagħna'*, 13/5/1896.


**Malcolm Schembri**


# BELLA VISTA STATIONERY

Triq il-Gemmugħa, Marsascala Tel: 616442

*(Opposite Razzett tal-Ħbiberija)*

We do Film Developing, School Books & School Items
Original Cards for every occasion and a large variety
of toys especially a large range of Barbie Items.
Also a range of Gifts